**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 15/2022/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Clive Cuschieri**
**Mark Anthony Dimech**

Illum 27 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużati **Clive Cuschieri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 367882(M), u **Mark Anthony Dimech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 247868(M), li bih huma ġew akkużati mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

***<u>L-EWWEL KAP</u>***

***Omiċidju Volontarju ta' Muhammed Abdalla***

**<u>Il-fatti f'dan il-każ</u>:-**

Illi fil-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012), immigrant bl-isem ta' Muhammed Abdalla, ħarab miċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi u dan wara li kien inġab ġewwa dan iċ-Ċentru mill-poliklinika tal-Furjana. Illi żewġ uffiċjali tal-Armata u ċioè Mark Anthony Dimech (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-akkużat Dimech) u Clive Cuschieri (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-akkużat Cuschieri) ħarġu jfittxu lil Muhammed Abdalla bil-vann taċ-Ċentru ta' Detenzjoni. Illi uffiċjal ieħor tal-Armata u ċioè Gordon Pickard ukoll ħareġ ifittex lil Muhammed Abdalla bil-vettura privata tiegħu.

Illi wara tfittxija li ma ħaditx fit-tul, l-akkużati Dimech u Cuschieri lemħu lil Muhammed Abdalla u niżlu mill-vann. X'ħin marru fuq Abdalla, huwa beda jirreżistihom, bl-akkużat Dimech jintefa' fuq il-persuna ta' Abdalla u jżommu mal-art.

Illi kien f'dan il-punt li l-akkużati, aġixxew dolożament bil-ħsieb li joqtlu jew li jpoġġu l-ħajja ta' Muhammed Abdalla f'periklu ċar u dan billi l-akkużat Cuschieri li kien liebes *army boots*, beda jagħti daqqiet ta' sieq qawwija lil Abdalla f'partijiet vitali ta' ġismu filwaqt li l-akkużat Dimech żamm lil Muhammed Abdalla mal-art bil-piż tiegħu. Illi l-akkużati twaqqfu milli jkomplu bl-aġir tagħhom mill-uffiċjal Gordon Pickard li kif ingħad kien ukoll ħareġ ifittex lil Muhammed Abdalla u li kif wasal fuq il-post ra lill-akkużat Cuschieri jagħti daqqiet ta' sieq lil Muhammed Abdalla u warrbu minn ħdejh billi bagħtu jipparkjalu l-karozza. Gordon Pickard flimkien mal-akkużat Dimech tellgħu lil Muhammed Abdalla fil-vann taċ-Ċentru ta' Detenzjoni.

Illi l-akkużati Dimech u Cuschieri imbagħad saqu lejn iċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, minn fejn ġabu żewġ

pari manetti, b'Abdalla jiġi mmanettjat kemm minn idejh kif ukoll minn saqajh. Sussegwentement l-akkużati Dimech u Cuschieri saqu lejn il-Poliklinika ta' Raħal Ġdid, iżda Abdalla laħaq miet fit-triq lejn il-Poliklinika kaġun tat-trawma vjolenti li sofra kaġun ta' l-akkużati Dimech u Cuschieri. Illi fil-fatt it-tabib forensiku nkarigat mill-Maġistrat Inkwerenti ikkonkluda u ċċertifika li Muhammed Abdalla miet kaġun ta' *cardiac respiratory failure secondary to vaso-vagal inhibition* kawża ta' trawma vjolenti f'partijiet vitali ta' ġismu u ċioè fil-ġenitali tiegħu u fir-*renal triangles* taż-żewġ naħat. Ikkonkluda ukoll illi d-daqqiet li qala' Abdalla li kienu kompatibbli ma' xebgħa b'irkoppa jew bis-sieq, kienu riżultat ta' vjolenza eċċessiva. Għal kuntrarju, fuq il-persuna tal-akkużati Dimech u Cuschieri ma rriżultax li kien hemm użu ta' forza vjolenti fil-konfront tagħhom.

Illi *di piu'*, bħala membri tal-Forzi Armati, l-akkużati Cuschieri u Dimech kellhom jissorveljaw biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tagħhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu li jsir dan ir-reat.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:-**

Illi għalhekk, b'għemilhom, l-imsemmija CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH saru ħatja ta' omiċidju volontarju u ċioè talli fil-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) ġewwa dawn il-Gżejjer, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna (Muhammed Abdalla) jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunawlha l-mewt.

Illi *di piu'*, bħala membri tal-Forzi Armati, l-akkużati CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH kellhom jissorveljaw biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tagħhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu li jsir dan ir-reat.

**L-akkuża:-**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmija **CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH**, ħatja ta' **omiċidju volontarju** u ċioè talli, fil-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) ġewwa dawn il-Gżejjer, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna u ċioè lil Muhammed Abdalla jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt.

Jakkużahom ukoll li bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, u ċioè membri tal-Forzi Armati ta' Malta, l-imsemmija **CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH** saru ħatja ta' reat ieħor li huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tagħhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu.

**Il-piena mitluba:-**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkuzati CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH u illi kull wieħed minnhom jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal għomru u reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu,** skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 211(1)(2), 141, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

***IT-TIENI KAP***

*Feriti gravi segwiti bil-mewt ta' Muhammed Abdalla*

**Il-fatti f'dan il-każ:-**

Illi fil-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012), immigrant bl-isem ta' Muhammed Abdalla, ħarab miċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi u dan wara li kien inġab ġewwa dan iċ-Ċentru mill-poliklinika tal-Furjana. Illi żewġ uffiċjali tal-Armata u ċioè Mark Anthony Dimech (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-akkużat Dimech) u Clive Cuschieri (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-akkużat Cuschieri) ħarġu jfittxu lil Muhammed Abdalla bil-vann taċ-Ċentru ta' Detenzjoni. Illi uffċċjal ieħor tal-Armata u ċioè Gordon Pickard ukoll ħareġ ifittex lil Muhammed Abdalla bil-vettura privata tiegħu.

Illi wara tfittxija li ma ħaditx fit-tul, l-akkużati Dimech u Cuschieri lemħu lil Muhammed Abdalla u niżlu mill-vann. X'ħin marru fuq Abdalla, huwa beda jirreżistihom, bl-akkużat Dimech jintefa' fuq il-persuna ta' Abdalla u jżommu mal-art.

Illi kien f'dan il-punt li l-akkużat Cuschieri li kien liebes *army boots*, beda jagħti daqqiet ta' sieq qawwija lil Abdalla f'partijiet vitali ta' ġismu filwaqt li l-akkużat Dimech żamm lil Muhammed Abdalla mal-art bil-piż tiegħu. Illi l-akkużati twaqqfu milli jkomplu bl-aġir tagħhom mill-uffiċjal Gordon Pickard li kif ingħad kien ukoll ħareġ ifittex lil Muhammed Abdalla u li kif wasal fuq il-post ra lill-akkużat Cuschieri jagħti daqqiet ta' sieq lil Muhammed Abdalla u warrbu minn ħdejh billi bagħtu jipparkjalu l-karozza. Gordon Pickard flimkien mal-akkużat Dimech tellgħu lil Muhammed Abdalla fil-vann taċ-Ċentru ta' Detenzjoni.

Illi l-akkużati Dimech u Cuschieri imbagħad saqu lejn iċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, minn fejn ġabu żewġ pari manetti, b'Abdalla jiġi mmanettjat kemm minn idejh kif ukoll minn saqajh. Sussegwentement l-akkużati Dimech u Cuschieri saqu lejn il-Poliklinika ta' Raħal Ġdid, iżda Abdalla laħaq miet fit-triq lejn il-Poliklinika

kaġun tal-ħsara fil-ġisem li sofra mill-akkużati Dimech u Cuschieri. Illi fil-fatt t-tabib forensiku nkarigat mill-Maġistrat Inkwerenti ikkonkluda u ċċertifika li Muhammed Abdalla miet kaġun ta' *cardiac respiratory failure secondary to vaso-vagal inhibition* kawża ta' trawma vjolenti f'partijiet vitali ta' ġismu u ċioè fil-ġenitali tiegħu u fir-*renal triangles* taż-żewġ naħat. Ikkonkluda ukoll illi d-daqqiet li qala' Abdalla li kienu kompatibbli ma' xebgħa b'irkoppa jew bis-sieq, kienu riżultat ta' vjolenza eċċessiva. Għal kuntrarju, fuq il-persuna tal-akkużati Dimech u Cuschieri ma rriżultax li kien hemm użu ta' forza vjolenti fil-konfront tagħhom.

Illi *di piu'*, bħala membri tal-Forzi Armati, l-akkużati Clive Cuschieri u Mark Anthony Dimech kellhom jissorveljaw biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tagħhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu li jsir dan ir-reat.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:-**

Illi għalhekk, b'għemilhom, l-imsemmija CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH saru ħatja li kkaġunaw offiża gravi fuq il-persuna (ta' Muhammed Abdalla) li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara, b'dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt.

Illi *di piu'*, bħala membri tal-Forzi Armati, l-akkużati CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH kellhom jissorveljaw biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tagħhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu li jsir dan ir-reat.

**<u>L-akkuża</u>:-**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmija CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH, ħatja talli, fil-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) ġewwa dawn il-Gżejjer, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, u ċioè ikkaġunaw **offiżi ta' natura gravi** fuq il-persuna ta' Muhammed Abdalla **li bihom ġrat il-mewt** minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiżi, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara, b'dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt.

Jakkużahom ukoll li bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, u ċioè membri tal-Forzi Armati ta' Malta, l-imsemmija CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH saru ħatja ta' reat ieħor li huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tagħhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu.

**<u>Il-piena mitluba</u>:-**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkuzati CLIVE CUSCHIERI u MARK ANTHONY DIMECH u illi kull wieħed minnhom jiġi kkundannat għall-piena ta' **priġunerija minn seba' (7) snin sa tletin (30) sena** skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 214, 220(1)(a), 216(1)(a), 218(1)(a), 141, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skontħ il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużati Clive Cuschieri u Mark Anthony Dimech, flimkien mal-Lista tax-Xhieda ppreżentati fit-23 ta' Awwissu 2022.[1]

3. Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-15 ta' Settembru 2022.[2]

4. Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Diċembru 2022 fejn ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-akkużati.[3]

5. Rat illi dan l-Att ta' Akkuża ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-29 ta' Diċembru 2022.[4]

6. Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

7. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

8. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati saħqu li kien hemm raġunijiet sabiex l-Imħallef li oriġinarjament kien ġie assenjat il-każ kellu jiġi rikużat u jastjeni mis-smiegħ tal-każ.

9. Illi din il-Qorti tinnota li din l-ewwel eċċezzjoni ġiet milqugħa permezz ta' sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2022 minn din il-Qorti diversament preseduta. B'hekk isegwi li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata.

**Ikkunsidrat**

[1] *A fol.* 24 *et seq.*.
[2] *A fol.* 27 *et seq.*.
[3] *A fol.* 37 *et seq.*.
[4] *A fol.* 44.

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

10. Illi fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati saħqu li għandhom jiġu sfilzati mill-atti proċesswali u li għandu jiġi dikjarat li ma għandhom l-ebda valur probatorju l-istqarrijiet tagħhom li jinsabu minn *a fol.* 95 sa *a fol.* 118 tal-atti tal-kumpilazzjoni u kwalsiasi riferenza għal dak li ntqal fil-kors ta' tali interrogazzjoni stante li dan sar bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom.

11. Illi fin-Nota Responsiva tiegħu *(a fol.* 27 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jargumenta li trid issir distinzjoni bejn il-valur probatorju tal-prova u l-ammissibilita' *o meno* tagħha. Jispjega li sta għal ġurati li jiddeċiedu dwar il-valur probatorju tad-dokumenti in kwistjoni u għalhekk mhux mansjoni ta' din il-Qorti li tara dan f'dan l-istadju. Rigward l-ammissibilita' ta' l-istqarrijiet, l-Avukat Ġenerali jispjega li tali eċċezzjoni qed tiġi msejsa fuq allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-akkużati bil-konsegwenza li din il-Qorti qed tiġi mitluba tħares lejn dan l-ilment mill-ottika kostituzzjonali.

12. Illi l-Avukat Ġenerali jirreferi għal sentenzi lokali u dawk mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn dawn ta' l-aħħar jispjegaw li wieħed irid iħares lejn *the overall fairness of the proceedings*. L-Avukat Ġenerali jgħid ukoll li fil-fehma tiegħu ma hemmx lok għal azzjoni drastika tal-isfilz tal-istqarrijiet Jispjega li l-akkużati xorta jibqgħalhom il-benefiċċju li l-każ tagħhom jiġi meqjus minn Qorti Superjuri li allura tkun fl-aħjar pożizzjoni li tara l-każ tagħhom.

13. Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li hija għandha tiġi miċħuda.

14. Illi din il-Qorti tinnota li l-akkużat Clive Cuschieri rrilaxxa l-ewwel stqarrija tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2012 (Dok. "AK 7" – *a fol.* 95 *et seq.*) waqt li għamel it-tieni stqarrija tiegħu fl-1 ta' Lulju 2012 (Dok. "AK 8" – *a fol.* 102 *et seq.*). Waqt iż-żewġ stqarrijiet l-akkużat

Cuschieri rrifjuta li jikkonsulta ma' l-avukat tiegħu u dan minkejja li ngħata dan id-dritt.

15. Illi minn naħa tiegħu, l-akkużat Mark Anthony Dimech irrilaxxa l-ewwel stqarrija tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2012 (Dok. "AK 10" – *a fol.* 108 *et seq.*) waqt li għamel it-tieni stqarrija tiegħu fl-1 ta' Lulju 2012 (Dok. "AK 11" – *a fol.* 115 *et seq.*). Anke l-akkużat Mark Anthony Dimech irrifjuta li jikkonsulta ma' avukat tiegħu qabel ma rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu.

16. Illi għal kull buon fini jingħad li fiż-żmien li l-akkużati ġew mitluba jirrilaxxaw l-istqarrijiet rispettivi tagħhom ma kienx għadu daħal fis-seħħ id-dritt li waqt it-teħid ta' tali stqarrija huma jkollhom preżenti <u>magħhom</u> avukat tal-għażla tagħhom. Apparti minn dan, din il-Qorti hija konxja tal-ġurisprudenza li ngħatat f'dan ir-rigward tul is-snin.

17. Illi din il-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah** (Numru 10/2018) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) dwar eċċezzjoni simili għal dik odjerna imqajjma mill-akkużati spjegat hekk:

> "11. Now although it is amply clear from the evidence found in the acts that accused was administered his rights at law as applicable at the time, and although it is also uncontested that he availed himself of such right before being questioned by the police, however there is no evidence in writing of this request as outlined in article 355AT. This being premised, however, as the Attorney General rightly points out respondent's plea is directed towards the lack of legal assistance during interrogation and not prior to being questioned, the manner and duration of the exercise of this right not being put into question by accused himself.
>
> 12. Now, accused in this case, as in the other cases cited by the Criminal Court in its judgment, does not attack

the probative value of the statements on any particular rule of penal law empowering the Court to reject it, but relies solely on the presumption that admitting this piece of evidence would prejudice his right to a fair hearing, having been denied the right to have his lawyer present during interrogation, resulting therefore, in his opinion, to a denial of his right to mount a defence in a situation where incriminating statements were made to the police.

13. Reference is being made to two recent judgments which, in this Court's opinion, shed a clear light on the correct interpretation of how a statement released by a suspect without legal assistance at interrogation stage should be considered, when assessing the weight to be given to this piece of evidence.

14. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13) decided on the 7th. October 2019 and "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) decided on the 14th. January 2020, set out the principle that 'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an *ab initio* violation of the right to a fair hearing'. These judgments confirmed the position taken by the Grand Chamber in the *Beuze* (9th. November 2018) case that in order to establish whether a statement taken without the assistance of a lawyer is deemed to violate the accused's constitutional right to a fair hearing, one must apply a two-stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction, together with an examination of the overall fairness of the proceedings, the Court thus establishing a test to be carried out on a case-by case basis, rather than laying out general rules and principles which are to govern this alleged violation where the right to legal assistance has been withheld. Each case, thus, has to be examined on its own merits by applying the *Beuze* guidelines to the specific facts presented in every individual case being assessed

15. Regarding the first test relating to the concept of 'compelling reasons' the European Court in the above-mentioned cases stated that:

*"**The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention**"*.

16. Referring to the domestic case in issue, it is clear that this test has not been satisfied, since no compelling reason was put forward to justify the lack of the presence of a lawyer during interrogation, other than the fact that it was not permissible by law at the time when it was released by accused.

17. However this test alone does not automatically render such a statement inadmissible at law since the second test laid out by the ECtHR has to be overcome when deciding whether a statement should or should not be expunged from the records of the proceedings. The 'overall fairness' assessment of the proceedings must be examined in order to assess the weight which is to be given to the statement released at interrogation stage, as a piece of evidence when reaching judgement. The ECtHR provided the following non exhaustive list of factors to be taken into account.

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

(b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

(c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

(d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

(e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

(f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

(g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

(h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

18. Since in the present case the proceedings are still at pretrial stage it would be outside the remit of this Court, at this juncture, to examine whether these criteria have been satisfied since the trial has not taken place, and also because the Court cannot, at this stage enter into the merits of the case and comment on the weight to be given to any evidence found in the acts, such exercise entrusted solely to the jury at the trial, with this Court also precluded from addressing any matter having constitutional ramifications. Having thus premised, however, if at this stage of the proceedings it results to the Court that any one or more of the criteria laid out by the ECtHR constitute a serious and blatant prejudice to the administration of justice then this would justify the expunging of the statement released by the accused from the acts prior to the celebration of the trial by jury, and this in the supreme interest of justice.

19. In this particular case, however, during committal proceedings, accused did not allege that the police had exerted pressure on him during interrogation, or that his statement was obtained by means of promises or suggestions of favour. He did not allege that he was in a vulnerable state prior to releasing his statement, nor did he allege that he was not explained his rights at law, foremost amongst which his right to silence. Moreover, it does not appear that accused is alleging that his statement was released in violation of article 658 of the Criminal Code. Neither did accused, during committal proceedings, request to bring forward any evidence

suggesting otherwise and this as was his right in terms of article 405(5) of the Criminal Code.

[…]

22. The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."

18. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew Zarb et** (Numru 17/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

"19. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi ***'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing'***. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ *"overall fairness"* tal-proċeduri fl-intier tagħhom. Illi allura l-QEDB dejjem saħħqet illi l-evalwazzjoni dwar jekk seħħitx din il-vjolazzjoni ssir in bażi għaċ-

ċirkostanzi fattwali u legali partikolari għall-kull każ u li għalhekk mhux possibbli li jittieħed approċċ uniku u uniformi b'mod ġenerali applikabbli għal każijiet kollha billi kull każ irid ikun eżaminat għalih, kif ingħad.

[....]

23. Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u il-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżamina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari, kif lanqas tista' din il-Qorti tidħol biex teżamina vjolazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalha, f'dan l-istadju, li huwa evidenti li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

[....]

30. Għalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati odjerni jekk jirriżulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-

deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqgħalhom id-dritt li jitolbu reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom."

19. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol v. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.

[...]

15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo.* Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti

Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilita' li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur."

20. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenzi kkwotati hawn fuq, din il-Qorti tinnota li minn analiżi li għamlet tal-atti proċesswali, b'mod partikolari tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati ma jirriżultax li dawn l-istqarrijiet ttieħdu permezz ta' xi forma ta' pressjoni eżerċitata mill-Pulizija. Din il-Qorti tinnota li l-akkużati ma lmentawx li kienu vulnerabbli u minkejja li setgħu kienu ilhom xogħol speċjalment Clive Cuschieri ma jistax jintqal li kienu taħt xi forma ta' vulnerabilita'. Wieħed lanqas jista' jgħid li l-Pulizija naqsu milli jispjegaw id-drittijiet li kellhom l-akkużati. Lanqas ma jirriżulta li tali stqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment lanqas jirriżulta

li l-akkużati talbu li jressqu xi evidenza sabiex jippruvaw li l-istqarrijiet tagħhom li qed jitolbu li jiġu sfilzati ttieħdu bi ksur tal-istess Artikolu 658.

21. Illi b'hekk isegwi li t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-akkużati qed tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

22. Illi fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati jeċepixxu n-nullita' tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża minħabba li skont huma qed jiġu akkużati b'reat li ma jeżistix fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li jsostnu li Artikolu 141 tal-Kapitolu msemmi ma huwiex reat iżda dispożizzjoni ġenerali li tirrigwarda l-piena fl-eventwalita' li uffiċjal jew impjegat pubbliku jkun ħati ta' reat.

23. Illi fin-Nota Responsiva tiegħu (*a fol.* 27 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jikkontesta din l-eċċezzjoni u jirreferi għal Att ta' Akkuża u għall-artikoli kkwotati in sostenn tal-akkużi. Jispjega li r-riferenza għal Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienet neċessarja minħabba li hu addebita lill-akkużati bil-kwalifikanti tal-imsemmi artikolu u għalhekk kellu bilfors jindikah fil-Kapi rispettivi. Skont l-Avukat Ġenerali anke jekk ipotetikament wieħed kellu jaċċetta l-argument imressaq mill-akkużati dan xorta ma jwassalx għan-nullita' tal-Kapi rispettivi.

24. Illi din il-Qorti tinnota li l-Att tal-Akkuża għandu l-funzjoni li jgħarraf lill-akkużat bil-fatti/reati li dwarhom huwa qed jiġi akkużat ħalli jkun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Mizzi** (Numru 21/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Supejuri) qalet is-segwenti:

> "17. Illi l-Att tal-Akkuża huwa dak id-dokument li jkun jikkontjeni fatti narrati, li jorbtu mal-akkuża li ssegwi, li l-Avukat Ġenerali jislet mill-provi ikkumpilati waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u ma jkunux fatti li l-Avukat Ġenerali jkun ħoloq sabiex jitfa' xi dell ikrah jew ta' ħtija fuq l-akkużat. Dan l-Att iservi sabiex l-akkużat permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrattiva jkollu stampa ċara tal-provi li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni u li fuqhom qiegħda tibni il-każ tagħha, biex b'hekk b'rispett lejn il-prinċipju tal-parita' tal-armi, l-persuna akkużata tkun tista' tipprepara għad-difiża tagħha, kif rilevat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha. Illi, ukoll, il-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża lanqas ma tista' tiddeskrivi fid-dettall il-provi kollha emerġenti mill-kumpilazzjoni u dan għaliex il-ġurati, kif dejjem ikunu imwissija mill-Imħallef li jippresedi il-ġuri, għandhom jistrieħu fil-ġudizzju aħħari tagħhom fuq il-fatti li jemerġu mill-provi li jinstemgħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux fuq dawk il-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' l-Akkuża."

25. Illi t-tielet eċċezzjoni tal-akkużati torbot dwar il-fatt li fil-parti fejn fl-Att tal-Akkuża l-Avukat Ġenerali jsemmi l-artikoli huwa jinkludi Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad."

26. Illi huwa minnu li din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar żieda fil-piena fil-każ fejn uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba

l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan mhux reat fih innifsu. Stabbilit dan wieħed irid jifhem li huwa obbligu tal-Avukat Ġenerali li meta jirrediġi l-Att tal-Akkuża, fost affarijiet oħra, huwa għandu jinkludi fih dawk il-fatti li jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena hekk kif stabbilit f'Artikolu 589(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
>
> [...]
>
> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; [...]."

27. Illi minbarra dan l-Avukat Ġenerali jrid jinkludi fl-Att tal-Akkuża l-artikoli tal-liġi li jikkontempla reat hekk kif stabbilit f'Artikolu 589(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
>
> [...]
>
> (d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) <u>jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat</u>." [emfażi miżjuda]

28. Illi fir-rigward tal-Ewwel Kap fl-Att ta' Akkuża l-Avukat Ġenerali jitlob li l-akkużati jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu skont dak li jintqal fl-Artikoli 211(1)(2), 141, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt li fir-rigward tat-Tieni Kap fl-istess Att ta' Akkuża jitlob li l-akkużati jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa tletin (30) sena skont dak li hemm u jintqal f'Artikoli 214, 220(1)(a), 216(1)(a), 218(1)(a), 141, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

29. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti r-riferenza fl-Att tal-Akkuża għal Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kieku meħud waħdu seta' iwassal għal xi diffikulta'. Iżda din il-Qorti trid bilfors tirrimarka li l-Avukat Ġenerali ma llimitax ruħu biss għal dan l-Artikolu iżda nkluda l-Artikoli l-oħra li tagħhom qed jintalab li tinstab ħtija. Jirriżulta wkoll li minbarra l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat l-Avukat Ġenerali irid jinkludi wkoll l-artikoli għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata. Għalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li meta l-Avukat Ġenerali nkluda r-riferenza għal Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kien qiegħed jirrispetta d-dettami ta' Artikolu 589(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

30. Illi tajjeb jgħid l-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu (*a fol.* 27 *et seq.*) li anke kieku l-akkużati kellhom raġun fl-argument tagħhom dan ma jwassalx għan-nullita' tal-Att tal-Akkuża. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Malcolm Joseph Faħlzon** (Numru 9/2017) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "20. Illi fuq kollox anke jekk, *gratia argomenti*, din il-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant, u ċioè illi l-mod kif inhu miġjub jew imfisser ir-reat fil-parti akkużatorja ta' dan il-Kap ma jissodisfax dak rikjest fis-subinċiż (d) għall-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu tali difett huwa sanabbli u ma jwassalx neċessarjament

għan-nullita' tal-kap tal-akkuża. Ibda biex, ma jirriżultax illi hemm ksur tas-subinċiż (ċ) għall-artikolu 589 billi, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali l-kap tal-akkuża fih biżżejjed dettalji biex jissodisfa dan id-dispost tal-liġi, tant illi l-appellant jista' jifhem sew b'liema fatti qed jiġi akkużat. Illi l-leġislatur stess ried illi kwalunkwe difett fl-Att ta' l-Akkuża seta' jiġi ssanat kif hemm maħsub u mfassal fl-Artikoli 597 sa 599 tal-Kodiċi Kriminali li fihom hemm enkapsolat il-mekkaniżmu dwar kif jista' jkun sanat kull difett li jista' talvolta jemerġi fl-att ta' l-akkuża u anke f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-akkużat qiegħed jirriavviża in-nullita' tal-istess. Dan diment illi tali korrezzjonijiet ma jirrendux l-akkuża aktar gravuża."

31. Illi b'hekk isegwi li anke t-tielet eċċezzjoni mressqa mill-akkużati qed tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

32. Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tinnota li l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-akkużati kienet ġiet milqugħa minn din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' sentenza mogħtija minnha fis-6 ta' Diċembru 2022, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-akkużati.

33. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |